31996R2131

L 285/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.11.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 2131/96

tas-6 ta' Novembru tal-1996

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1503/96 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 rigward dazji ta' importazzjoni fuq ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru ta' l-1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) u (4) tiegħu,

Billi, sabiex titħaffef l-amministrazzjoni li għandha x'taqsam mal-kalkolu tad-dazji ta' importazzjoni kif provdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/96 [2], dazji ta' importazzjoni li jagħtu kont tal-medja rappresentattiva tal-prezzijiet cif ta' importazzjoni għal ross bil-kwantità osservata matul perjodu ta' ġimgħatejn għandhom jiġu stabbiliti fis-settur tar-ross kull ġimgħatejn nhar ta' Erbgħa u fl-aħħar jum tax-xogħol ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju u Awissu;

Billi irriżulta li l-prezzijiet ta' ċerti varjetajiet ta' ross Pakistani Basmati, b'mod partikolari Kernel Basmati u Basmati Super ta' l-I grad, huma madwar l-istess livell bħall-prezz ta' ross Basmati li joriġina fl-Indja; billi l-awtoritajiet tal-Pakistan taw ħjiel li madwar 9000 tunnellati ta' dawn il-kwalitajiet huma disponibbli għal esportazzjoni lejn il-Komunità; billi ċ-ċertifikat ta' awtenticita provdut f'L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1503/96 mil-lum 'il quddiem ser jingħata biss għal dawk il-kwalitajiet; billi, għalhekk, it-tnaqqis f'dazji ta' importazzjoni għal ross mill-Pakistani hekk iċċertifikat għandu jitqiegħed fl-istess linja ma' dak ta' ross Basmati ta' oriġini Indjana; billi l-Kummissjoni ser issegwi b'attenzjoni x-xejriet tas-suq u tista' tipproponi emendi xierqa skond dawk ix-xejriet;

Billi, iżda, mhuwiex iktar xieraq li jingħata t-tnaqqis preżenti ta' 50 ECU għal kull tunnellata metrika għal ross Pakistani li ma ġiex hekk iċċertifikat, ġaladarba l-prezz medju tas-suq għal dawn it-tipi ta' ross mhuwiex ġeneralment sostanzjalment differenti mill-prezz stabbilit u rappresentattiv;

Billi, fl-interess tal-kjarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 81/92 tal-15 ta' Jannar tal-1992 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3877/86 dwar l-importazzjonijiet ta' ross tawwali u aromatiku tal-varjeta Basmati [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2123/95 [4], għandu jiġi mħassar, billi m'għandux iktar bażi legali; billi, iżda, id-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' awtenticita għal dan it-tip ta' ross għandhom jiġu imniżżla f'dan ir-Regolament;

Billi l-applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni u l-liċenza ta' importazzjoni għal ross Basmati għandhom ikollhom fihom informazzjoni partikolari biex jiġi permess li l-kwantitajiet importati jkunu jistgħu jiġu verifikati;

Billi l-Kumitat ta' Tmexxija għaċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1503/96 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 4(1):

   (a) l-ewwel subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

   "1. Id-dazji ta' importazzjoni għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jiġu kkalkolati kull ġimga iżda għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni kull ġimgħatejn nhar ta' Erbgħa u fl-aħħar jum tax-xogħol tax-xhur ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju u Awissu, skond il-metodu provdut fl-Artikolu 5 u għandhom japplikaw mill-ewwel jum tax-xogħol wara l-iffissar tagħhom u fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara, rispettivament.";

   (b) it-tielet subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

   "L-iffissar magħmul fl-aħħar jum tax-xogħol tax-xhur ta' Marzu, April, Mejju u Ġunju għandu jiġi bbażat fuq il-prezz ta' intervent għax-xahar ta' wara li għandu jiġi suġġett għal żidiet ta' kull xahar skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95.";

2. L-Artikolu 4(4) huwa mħassar;

3. l-Artikolu li ġej huwa miżjud:

"L-Artikolu 4 a

1. Ross Basmati li joriġina fl-Indja u ross Basmati tal-varjetajiet 'Kernel Basmati' u 'Super Basmati' li joriġinaw fil-Pakistan li jaqgħu taħt kodifiki CN ex 1006 20 17 u ex 1006 20 98 jistgħu jgawdu minn tnaqqis fid-dazju ta' importazzjoni ta' 250 EKU għal kull tunnellata metrika.

[1] ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.
[2] ĠU L 189, tat-30.7.1996, p. 71.
[3] ĠU L 10, tas-16.1.1992, p. 9.
[4] ĠU L 212, tas-7. 9.1995, p. 8.

Dan l-ammont jista' jiġi rivedut skond ix-xejriet tas-suq, b'mod partikolari fir-rigrawd tal-kwantitajiet importati.

2. Applikazzjonijiet għal liċenza ta' importazzjoni u liċenzi ta' importazzjoni għal ross Basmati għandhom jinkludu:

(a) f'kaxxa 8, indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini u l-kelma 'iva' mmarkata b'salib;

(b) f'kaxxa 20, waħda milli ġejjin:

— Arroz aromático de la variedad Basmati del código NC 1006 20 17/1006 20 98

— Aromatisk ris af sorten Basmati henhørende under KN-kode 1006 20 17/1006 20 98

— Aromatischer Reis der Sorte Basmati des KN-Codes 1006 20 17/1006 20 98

— Αρωματικό ρύζι της ποικιλίας Basmati του κωδικού ΣΟ 1006 20 17/1006 20 98

— Aromatic rice of the Basmati variety falling within CN 1006 20 17/1006 20 98

— Riz aromatique de la variété Basmati du code NC 1006 20 17/1006 20 98

— Riso aromatico della varietà Basmati del codice NC 1006 20 17/1006 20 98

— Aromatische Basmati-rijst van GN-code 1006 20 17/1006 20 98

— Arroz aromático da variedade Basmati do código NC 1006 20 17/1006 20 98

— CN-koodiin 1006 20 17/1006 20 98 kuuluvan Basmati-lajikkeen aromaattinen riisi

— Aromatiskt ris av sorten Basmati med KN-nummer 1006 20 17/1006 20 98;

(ċ) fil-kaxxa 24, waħda milli ġejjin;

— Derecho de aduana reducido de 250 Ecu/t (Reglamento (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! 'I 2131/96)

— Told nedsat med 250 ECU/ton (Forordning (EF) nr. 2131/96)

— Um 250 Ecu/t ermäßigter Zollsatz (Verordnung (EG) Nr. 2131/96)

— Μειωμένος δασμός κατά 250 Ecu ανά τόνο ġκανονισμός (ΕΚ) αρι. 2131/96ħ.

— Reduced duty by 250 Ecu/t (Regulation (EC) No 2131/96)

— Droit réduit de 250 Ecu/t (Règlement (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! 'I 2131/96)

— Dazio ridotto di 250 Ecu/t (Regolamento (CE) n. 2131/96)

— Douanerecht verminderd met 250 ecu/t (Verordening (EG) nr. 2131/96)

— Direito reduzido de 250 Ecu/t (Regulamento (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! 'I 2131/96)

— Tulli alennettu 250 eculla tonnilta (Asetus (EY) N:o 2131/96)

— Nedsättning av tull med 250 ecu/ton (Förordning (EG) nr 2131/96).

3. L-applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni għal ross Basmati għandha jkollha magħha:

— prova li l-applikant huwa persuna naturali jew legali li jkun ħa sehem għal ta l-inqas 12-il xahar f'attività kummerċjali fis-settur tar-ross u li jkun registrat fl-Istat Membru fejn l-applikazzjoni tiġi mibgħuta,

— ċertifikat ta' awtentiċità għall-prodott maħruġ mill-korpi kompetenti li għandhom għarfien mill-Kummissjoni fil-pajjiż li jesporta u elenkati fl-Anness III.

4. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċita għandu jsir fuq il-formola li kampjun tagħha huwa muri f'L-Anness II.

Il-formola għandha jkollha format ta' approssimattiv ta' 210 × 297 millimetri. L-oriġinal għandu jsir fuq karta li tkun tippermetti li tiġi mikxufa kull falsifikazzjoni mekkanika jew kimika.

Il-formoli għandhom jiġu stampati u mimlija bl-Ingliż.

L-oriġinal u l-kopji tagħhom għandhom jimtlew jew billi tintuża tajprajter jew bil-kitba bl-idejn. F'dan l-aħħar każ, dawn għandhom jimtlew bil-linka billi jintużaw ittri kbar.

Kull ċertifikat ta' awtentiċita għandu jġorr numru tas-serje fil-kaxxa ta' fuq nett tan-naħa tal-lemin. Il-kopji għandhom iġorru l-istess numru bħall-oriġinal.

5. Il-korp li joħroġ il-liċenza ta' importazzjoni għandu jżomm l-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtentiċità u jagħti lura kopja lill-applikant.

Iċ-ċertifikat ta' awtentiċita għandu jkun validu għal disgħin ġurnata mid-data tal-ħruġ tiegħu.

Huwa jkun validu biss jekk il-kaxxi jkunu mtlew kif imiss u jekk huwa ġie stampat skond l-istruzzjonijiet stampati fuqu.

6. Minkejja d-dispożizzonijiet ta' l-Artikolu 9 tar- Regolament (KEE) Nru 3719/88 (*), id-drittijiet li joħorġu mill-liċenza ta' importazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.

7. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, permezz tat-telex jew fax, l-informazzjoni li ġejja:

(a) mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara il-ħruġ tagħhom, il-kwantitajiet ta' ross Basmati li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzi ta' importazzjoni, juru d-data, il-kodiċi NM, il-pajjiż ta' oriġini u l-ismijiet u indirizzi tad-detenturi;

(b) meta liċenzi jiġu kanċellati, mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara l-kanċellazzjoni, il-kwantitajiet li dwarhom ikunu ġew kanċellati l-liċenzi u l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi tal-liċenzi kanċellati;

(ċ) fl-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar li jiġi wara x-xahar tar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera, il-kwantitajiet attwalment rilaxxati f'ċirkolazzjoni libera, imqassma skond il-kodiċi NM u pajjiż ta' oriġini.

L-informazzjoni ta' hawn fuq għandha tintbagħat separatament mill-informazzjoni fuq applikazzjonijiet oħra għal liċenzi ta' importazzjoni fis-settur tar-ross waqt li jiġu segwiti l-istess proċeduri.

8. Minkejja d-dispożizzjonjiet ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1162/95, il-garanzija għall-liċenzi ta' importazzjoni għal ross Basmati li joriġina fl-Indja u l-Pakistan għandha tkun ta' 275 EKU għal kull tunnellata metrika.

(*) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1."

4. L-Anness li ġej huwa miżjud:

L-ANNESS III

Il-Korpi kompetenti għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' awtenticita msemmi fl-Artikolu 4 a

L-INDJA

— Il-Kunsill ta Spezzjoni għall-Esportazzjoni (Ministeru Tal-Kummerċ, Il-Gvern ta' l-Indja)

— Direttorat tat-tqegħid fis-suq u Spezzjoni (Ministeru ta' l-Agrikoltura u Żvilupp Rurali)

IL-PAKISTAN

— Il-Korporazzjoni dwar l-Esportazzjoni tar-Ross tal-Pakistan Ltd, Karachi."

L-Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 81/92 huwa b'dan imħassar: Riferenzi għar-Regolament (KE) Nru 81/92 fir-Regolamenti oħra għandhom jinqraw bħala riferenzi għad-dispożizzjonijiet komparattivi ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika mis-27 ta' Novembru 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni